# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 277/97

Joseph Buttigieg u martu Nicola Buttigieg
vs
Chairman, Awtorita` tad-Djar

Illum 5 ta' Marzu, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettew illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta tal-1989, ir-rikorrenti sofrew ingustizzja billi gew mtellfa milli jiehdu Plot tal-Gvern li kienu intitolati ghaliha, minghajr raguni valida, anzi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz aktarx b'mottiv purament politiku.

Illi l-fatti tal-kaz huma fil-qosor is-segwenti:

Fl-1989 ir-rikorrenti kienu applikaw ghal plot tal-Gvern bhala parti mill-Home Ownership Scheme ta' Had-Dingli - Applikazzjoni numru 227. Huma gew mitluba sabiex jikkonsenjaw certifikati u dokumenti ohra mehtiega lid-Dipartiment tad-Djar u dan ir-rikorrenti ghamluh fit-8 ta' Novembru 1989.

Illi sussegwentement, ir-rikorrenti gew informati li kienu telghu bil-polza u ghalhekk ikkwalifikaw ghal plot.

Illi fl-5 ta' Marzu 1990 ghall-habta tat-3.30pm ir-rikorrenti ircevew telefonata minghand ufficcjal tad-Dipartiment tad-Djar. Il-persuna li cemplet gibditilhom l-attenzjoni ghall-fatt li kienu ghadhom ma ffirmawx biex jaghtu l-approvazzjoni taghhom sabiex isiru verifiki dwar l-income taghhom mad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni u nfurmathom li kellhom cans jaghmlu dan sal-ghada 6 ta' Marzu 1990.

Illi fis-6 ta' Marzu 1990, ir-rikorrenti Nicola Buttigieg flimkien ma ommha, marret id-Dipartiment tad-Djar sabiex tiffirma id-dokument in kwistjoni u taghti l-awtorizzazzjoni rikjesta.

Illi hekk kif kienet ghadha tiela t-tarag tad-Dipartiment ir-rikorrenti ltaqghet ma' certu Mr. Cohen ufficcjal fid-Dipartiment li qalilha: "Int Mrs. Buttigieg ghax l-art tliftha, ghax id-data sabiex tiffirmaw l-awtorizzazzjoni ghalqet il-bierah".

Is-Sur Cohen informa lir-rikorrenti Nicola Buttigieg illi f'dan ir-rigward kienet intbaghatetilhom ittra registrata xi tlett gimghat qabel. Hawnhekk ir-rikorrenti jirrilevaw illi din l-ittra li allegatament intbaghtet bil-posta registrata qatt ma waslet id-dar taghhom. Dan il-fatt ir-rikorrenti ivverifikawh anke mal-awtoritajiet postali, fil-fergha tal-Posta tar-Rabat fejn l-ufficcjal inkarigat - is-Sur Ferriggi iccekkja l-ittri kollha registrati li ghaddew mill-Posta tar-Rabat fis-sitt gimghat precedenti pero` ma nstabet ebda ittra indirizzata lir-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti baghtu diversi ittri lid-Dipartiment tad-Djar, lill-Ministru responsabbli mill-Akkomodazzjoni Socjali u ghamlu appuntamenti u ltaqghu diversi drabi anke mal-Ministru stess biex jipprotestaw dwar l-ingustizzja li kienet saret maghhom. Madankollu ghalkemm il-Ministru diversi drabi weghedhom li kien ser jinvestiga l-kaz ir-rikorrenti baqghu minghajr ebda risposta u minghajr ebda rimedju ghall-ingustizzja li kienu sofrew.

Illi minkejja li fis-snin ta' wara ir-rikorrenti diversi drabi regghu applikaw biex jinghataw plot jew dar tal-Gvern, l-applikazzjonijiet taghhom qatt ma taw frott u ir-rikorrenti spiccaw biex kellhom jidhlu fi djun biex jixtru post fejn joqghodu huma u l-familja taghhom, bi spiza ferm akbar minn dik li kienu f'posizzjoni li jaghmlu.

Illi r-rikorrenti jidhrilhom illi ma kien hemm ebda raguni valida li huma jigu mcahhda mill-plot tal-Gvern li bi dritt kienet ser tinghata lilhom u jsostnu li dan gara x'aktarx ghal motivi politici.

Illi b'hekk, ai termini tal-Att VIII tal-1997 ir-rikorrenti, fil-perjodu fuq indikat, garrbu ingustizzja u dana b'konsegwenza ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew inghatat bi hsara ghalihom jew li minhabba fiha garrbu inkapacita' jew restrizzjoni u dana b'konsegwenza ta' distinzjoni eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew inghatat bi hsara ghalihom, jew li minhabba fiha garrbu inkapacita' jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi biex isostnu l-ilment taghhom, ir-rikorrenti riedu jressqu x-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu illi dan it-Tribunal joghgbu wara li jisma' x-xhieda u sottomissjonijiet tar-rikorrenti, jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jordna illi jinghata rimedju billi ir-rikorrenti (1) jinghataw plot tal-Gvern possibilment fil-lokalita' li kienu kkwalifikaw ghaliha fl-1989 u bil-prezz u kundizzjonijiet vigenti dak iz-zmien (2) jithallsu d-diffrenza fil-prezzijiet tax-xoghol necessarju biex tinbena l-istess plot - billi ovvjament il-prezzijiet ta' llum huma bil-bosta aktar gholjin minn dawk vigenti fl-1989 (3) jinghataw kull beneficcju iehor li kienu intitolati jgawdu minnu skond l-iskema li tahtha ir-rikorrenti applikaw ghall-plot (4) ma jigux obbligati jhallsu spejjez ta' kuntratti u bolli ta' trasferiment aktar ghojin minn dawk li kienu ordinarjament applikabbli fiz-zmien de quo.

Fl-eventwalita` li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw ir-rikorrenti jitolbu li jigi ordnat jithallas lilhom kumpens fl-ammont ta' Lm5000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-Awtorita` tad-Djar li eccepiet:

1. Illi dan il-kaz ma jaqax taht is-setghat tat-Tribunal skond artikolu 6 ta' l-istess Tribunal.

2. Illi mill-ewwel tigi respinta l-allegazzjoni ta' xi deskriminazzjoni politika li fl-Awtorita' qatt ma sabet kenn fi zmien indikat mir-rikorrenti.

3. Illi r-rikorrenti qatt ma resqu il-kaz taghhom jekk hassew li kien hemm diskriminazzjoni politika quddiem il-Qorti Kostituzzjonali kif kellhom dritt li jaghmlu.

4. Illi l-konvenuti qatt ma resqu kaz quddiem l-Ombudsman jekk hassu li kien hemm xi nuqqas amministrattiv fil-konfront taghhom.

5. Illi r-rikorrenti qatt m'adixxew il-Kummissjoni kontra investigazzjoni ta' Ingustizzji kif kellhom dritt li jaghmlu. Dawn il-fatti gia jitfghu dell fuq ir-rikors promotorju.

6. Illi pero` l-awtorita' tad-Djar ghas-serhan tal-mohh ta' kulhadd ser tesponi l-fatti veri rigward l-applikazzjoni indikata; u mhux in-nies peress illi l-Awtorita' tad-Djar fit-twettiq ta' xogholha ma tharisx lejn individwi izda biss lejn l-applikazzjonijiet u files u il-fatti li johorgu minnhom.

7. Illi qed tigi annessa bhala dokument 1, l-applikazzjoni tar-rikorrent. Il-harga tistipula illi ma jistax japplika minn ma ghandux dhul bejn Lm1300 u Lm5000 skond Klawsola 3 (VIII) tal-harga Settembru 89 b'avviz numru 15 li deher fil-Gazetta tal-Gvern tat-23 ta' Ottubru 1989 annessa bhala dokument 2.

8. Illi ghalhekk wiehed mid-dokument rikjesti kienet il-formola tat-taxxa sena bazi 1988 u il P3 ta' l-istess sena 1988 li r-rikorrenti gabu u qeghdin jigu annessi bhala dokumenti 3 u 4.

9. Illi l-prassi kienet illi l-ewwel jigu allokati provizorjament il-plots fuq il-Notice Board sakemm isir analisi aktar dattaljat ta' l-applikazzjonijiet.

10. Illi l-formola tat-taxxa presentata ma kienetx iffirmata u l-ufficjali ta' l-Awtorita' kellhom istruzzjonijiet li jfittxu il-firem fuq tali *returns* u fejn din ma kienetx tinstab kienu jintbaghtu avvizi f'dan is-sens.

11. Dokument 5 huwa lista ta' l-applikazzjonijiet validi u invalidi ghal lokal li applikaw ghalih ir-rikorrenti.

12. Illi meta telghet il-polza ghal Had-Dingli r-rikorrenti kienu l-ewwel nies li telghu fil-polza pero' mill-ewwel l-applikazzjoni taghhom kienet indikata bhala provizorja propju ghaliex l-ufficjali ta' l-awtorita' tad-Djar kienu sabu li l-*Income Tax Return* ma kienetx iffirmata.

13. Illi fl-istess Avviz dokument 2 klawsola 12 tghid is-segwenti: Procedura ta' ghazla: Lista ta' applikazzjonijiet validi u nvalidi tigi murija fuq il-Bord ta' Avvizi ta' l-awtorita' tad-Djar u ghal applikazzjonijiet ghal Ghawdex f'25 Triq Sannat, Rabat Ghawdex. Persuni nteressati jkollhom id-dritt joggezzjonaw ghal xi decizjoni murija f'din il-Lista. Kull oggezzjoni f'dan ir-rigward ghandha tkun maghmula BIL-MIKTUB fuq formoli preskritti u moghtija PERSONALMENT lic-Chairman ta' l-Awtorita' tad-Djar jew lil persuni minnu delegati ghal dan il-ghan sa mhux aktar tard minn HAMEST (5) ijiem TAX-XOGHOL mid-data tal-publikazzjoni tal-lista msemmija.

14. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kellhom id-dritt joggezzjonaw bil-miktub fuq formola preskritta fi zmien hamest ijiem ta' xoghol mid-data tal-publikazzjoni tal-lista msemmija.

15. Illi r-rikorrenti fil-fatt naqsu li jaghmlu l-oggezzjoni taghhom fir-rigward tal-indikazzjoni illi l-posizzjoni taghhom fil-polza ghall-l-allokazzjoni kienet provizorja. Tali oggezzjoni kellha ssir bil-miktub u tigi moghtija personalment lic-Chairman jew persuni minnu delegati.

16. Illi ghalhekk il-kwalifikazzjoni ghall-plot imsemmija fir-rikors kienet biss provizorja u r-rikorrenti qatt ma oggezzjonaw ghal tali fatt.

17. Illi r-rikorrent ntbaghtitilhom dokument markat dokument 6 u dan fit-22 ta' Frar 1990 u dana peress li fuq l-Income Tax Return kienet tonqos il-firma. Huma kienu mitluba jiffirmaw l-istess dokument u jibghatuh lura. Dan ir-rikorrenti naqsu li jaghmluh.

18. Illi fil-5 ta' Marzu 1990 gie pubblikat l-anness avviz ta' invalidita' markat dokument 7 li jindika l-applikazzjoni tar-rikorrenti bhala invalida. Illi meta fil-5 ta' Marzu 1990 gie pubblikat dan l-avviz ta' invalidita' r-rikorrenti setghu ukoll joggezzjonaw fi zmien hamest ijiem tax-xoghol bil-miktub a bazi ta' klawsola 12 ta' l-istess Avviz. Huma naqsu li jaghmlu dan u ghalhekk l-applikazzjoni taghhom ma setghetx tigi kunsidrata ulterjorment. Apparti dan huma naqsu li jirritornaw id-dokumenti firmati. Ta' tali nuqqas ma jistax jahti l-intimat. Huwa ovvju li r-rikorrenti ma kienux qraw u/jew fittxew parir dwar dak li kellhom jaghmlu.

19. Illi ghalhekk jekk veru Nicola Buttigieg marret l-awtorita' tad-Djar fis-6 ta' Marzu 1990 l-applikazzjoni kienet diga invalidata.

Pero' kellha sa hames t'ijiem zmien cioe' sal-11 ta' Marzu 1990 biex toggezzjona bil- miktub skond Klawsola Numru 12 fuq citat. Ir-rikorrenti naqsu li jaghmlu hekk. Fit-12 ta' Marzu 1990 l-Awtorita' tad-Djar ippubblikat il-lista finali ta' applikazzjonijiet invalida kif jidher mid-dokument markat numru 8.

20. Illi l-imsemmi Alex Cohen ma jafx min huma r-rikorrenti u lanqas kien jafhom qabel.

21. Illi apparti dan, fir-rigward ta' l-allegata telefonata tal-5 ta' Marzu 1990 ir-rikorrenti ma jindikawx min kienet il-persuna li cemplitilhom. Jinghad pero` illi fl-Awtorita` tad-Djar ma hemm jahdem ebda ufficjal tad-Dipartiment tad-Djar li huwa entita' separata.

22. Illi fl-14 ta' Marzu 1990 ntbaghtet ittra lir-rikorrenti li nformathom li l-applikazzjoni taghhom kienet invalida peress li ma ffirmawx dikjarazzjoni dwar id-dhul kif jidher mid-dokument anness markat dokument 9. Dana huwa fatt korrett li ma jistghx jigi negat. Ir-rikorrenti (a) ma kienux iffirmaw l-Income Tax Return u (b) kienu mitluba jiffirmaw dikjarazzjoni li ntbghatitilhom id-dar u naqsu li jaghmlu dan. Ebda wahda mill-komuniki mibghuta lis-Sinjuri Buttigieg ma giet lura ghand l-awtorita' tad-Djar u kollha ntbatu fl-indirizz moghti minnhom fl-applikazzjoni.

23. Illi l-awtorita' tad-Djar tipprovdi ghat-terminu ta' Artikolu 12 fuq citat, mezz ta' ridress. Dan il-mezz ma giex uzat. Huwa stramb kif ir-rikorrenti qed jaghmlu dawn il-lanjanzi issa.

24. Illi jidher illi r-rikorrenti ma kienux qraw il-kundizzjonijiet ma kienux jafuhom jew ma tawx kashom. Ghalhekk ta' dan ma ghandux jehel l-intimat.

25. Illi l-Awtorita` tad-Djar ma rcevietx l-ebda ittra minn ghand ir-rikorrenti u huwa stramb kif ir-rikorrenti ma jannettu l-ebda kopja ta' korrispondenza. Huma jghidu fir-rikors li baghtu ittra lid-Dipartiment tad-Djar li hu entita' diversa. Kieku flok ghamlu dan kollu huma ffirmaw mill-ewwel l-Income Tax Return u/jew id-dikjarazzjoni mibghuta lilhom ma kien ikun hemm l-ebda problema.

26. Illi r-rikorrenti applikaw drabi ohra (a) fil-1991 fejn l-applikazzjoni kienet invalida peress li r-rikorrenti ma kienux taw access lin-nies ta' l-awtorita' tad-Djar ghal spezzjoni biex jittiehdu qisien tar-residenza taghhom biex jkunu jistghu jinghataw il-punti. Huma ma oggezzjonawx u (b) fl-1994 huma gabu 20 punt u kienux ghalhekk intitolati. Huma oggezzjonaw u l-oggezzjoni ma kienetx milqugha peress illi l-punti moghtija nghataw b'mod korrett.

27. Illi r-rikorrenti ma gew mcahhda minn ebda plot jew post tal-Gvern li huma donnhom qed jippretendu bi dritt. Ir-rikorrenti pjuttost iridu jifhmu illi l-plots u l-postijiet jinghataw skond il-

kondizzjonijiet u l-ingustizzja issir jekk ma dawn ir-rikorrenti ma jigux meqjusa tal-kondizzjonijiet.

28. Illi l-allegazzjoni ta' natura politika hija malizjuza u frivola. Dan jista jikkonferma ukoll minn messu jiehu il-plot in kwistjoni skond il-polza cioe' plot 227. Din il-plot messet lis-Sinjuri Alexander u Grace Rueth.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**PROVI:**

Ra li fis-27 ta' Marzu 2000 l-intimat rrileva li l-mertu u t-talba tar-rikors promotorju jezorbitaw il-poteri moghtija lill-istess Tribunal permez tal-artikolu 6 tal-Kap 394.

Ir-rikorrenti sostnew li din tammonta ghal eccezzjoni gdida liema eccezzjoni hi ta' indoli preliminari u kella tigi moghtija fil-bidu tas-smiegh tal-kaz. Sostna li l-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ma jippermettix illi f'dan l-istadju jinghataw eccezzjonijiet ta' din ix-xorta [Artikolu 728 (1) u (2)] billi ma tirrizultax li hi eccezzjoni tat-tip kontemplat fl-artikolu 731.

Il-partijiet ipprezentaw in-noti taghhom.

**KONKLUZZJONIJIET:**

***L-eccezzjoni hux tardiva:***

Fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-Awtorita' intimata insibu bhala l-ewwel paragrafu:

"Illi dan il-kaz ma jaqax taht is-setghat tat-Tribunal skond artikolu 6 ta' l-istess Tribunal."

Issa fis-27 ta' Marzu 2000 l-intimat rrileva li l-mertu u t-talba tar-rikors promotorju jezorbitaw il-poteri moghtija lill-istess Tribunal permez tal-artikolu 6 tal-Kap 394.

Fil-fehma tat-Tribunal din hi l-istess eccezzjoni. Meta fil-bidu l-Awtorita' intimata eccipiet l-inkompetenza tat-Tribunal ab bazi tal-artikolu 6 tal-istess Tribunal kien ovvju li din qedgha tirreferixxi ghall-artikolu 6 tal-Kap 394. Hu ovvju li t-Tribunal ma ghandux ligijiet u li ghalhekk ir-referenza li saret kienet ghall-istess ligi.

Ukoll hawn ghandna kwistjoni li jew it-Tribunal ghandu kompetenza ratione materiae jew le. Jekk din ma tezistix it-Tribunal qatt ma jista' jarroga poteri godda u jassumi dak li ma ghandux. Dan mhux bhal kaz ta' notifika tardiva u li l-kjamat in kawza ma jissolevax eccezzjoni fl-istadju inizjali u jissolleva l-istess fi stadju avanzat tal-proceduri. Jekk it-Tribunal ma ghandux kompetenza ma ghandux, waqt li jekk ghandu zgur li mhux sejjer joqghod lura mill-obbligi tieghu.

***L-eccezzjoni tal-inkompetenza <u>ratione materiae</u>:***

F'dan il-kaz ghandna ilment tar-rikorrenti ghal ingustizzja meta kif sostnew gew imtellfa milli jiehdu plot tal-Gvern li kienu intitolati ghaliha. Semmew kif applikaw ghal Plot u gew allokati l-istess

plot, izda li xorta wahda ma sarx il-kuntratt. Dan it-Tribunal ghandu l-obbligu li jara jekk dan l-aspett jezorbitax mill-kompetenza tieghu jew jekk hux kompetenti *ratione materiae.*

Fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Barbara vs Med Serv Limited et" deciza fl-10 ta' Mejju, 1999 it Tribunal qal:

"Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

"6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prormozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

F'dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-Att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi…

Dan l-ilment ghalhekk ma huwiex ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta' Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien

jikkoncerna hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances", fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta' medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga.

Differenti hu l-kaz ta' "Downgrading" li ghalkemm ma jissemmix specifikament dan it-Tribunal qiesu bhal ta' kompetenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet M. Micallef vs Malta Shipbuilding Company Limited deciza fl-4 ta' Marzu 1999 minhabba li dan hu l-oppost ta' promozzjoni."

Ta min izid li fil-kawza deciza minn dan it-Tribunal fl-ismijiet Charles Lewis vs Malta Development Corporation deciza fit 12 ta' Lulju, 2000 it-Tribunal zamm li l-allokazzjoni ta' bicca art mill-Malta Development Corporation tesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji "ratione materiae". Ukoll fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Gauci vs Kummissarju tal-Artijiet deciza fit-13 ta' Lulju, 2000 gie deciz li kirja ta' bicca art mill-Gvern u s-sussegwenti ripresa tal-art mhix ta' kompetenza tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. Fil-kawza Vincent Caruana vs Kummissarju tal-Artijiet deciza fit-29 ta' Frar, 2000 intqal li talba biex rikorrent jinghata fond tal-

Gvern b'kera tezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. Fil-kawzi Alfred Bajada nomine vs Direttur tal-Edukazzjoni deciza fl-20 ta' Ottubru 1999, Paul Abdilla vs Dipartiment tal-Ambjent et deciza fit-23 ta' Novembru 1999, u Carmel Farrugia vs Kap Kmandant Forzi Armati ta' Malta deciza fl-24 ta' Novembru, 1999 gie deciz li ghotja mhix kompetenza tat-Tribunal.

It-Tribunal bil-fors ikollu jsemmi kaz iehor deciz minnu fl-ismijiet Victor Cremona et vs Chairman Awtorita` tad-Djar – Rikors 102/97 Gozo deciz fit-23 ta' Marzu 2000 fejn il-kwistjoni kienet ukoll dwar allokazzjoni ta' plot pero` li kienet bazata kemm mir-rikorrenti kif ukoll mill-intimata Awtorita` fuq id-dhul tar-rikorrenti. F' dik il-kawza t-Tribunal kien sab li l-ilment kien gustifikat u kkundanna lill-istess Awtorita` thallas l-ammont hemmhekk imsemmi. F' dik il-kawza ma gie sollevat qatt l-aspett tal-kompetenza mill-Awtorita` intimata u bhala stat ta' fatt gie ezaminat il-mertu.

Dan juri kif evolviet il-gurisprudenza ta' dan it-Trbunal dwar l-aspett tal-kompetenza illum.

Mis-suespost jidher car li allokazzjoni ta' plot lil koppja mill-Awtorita' tad-Djar tesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal. Infatti din certament ma tistax titqies hatra, promozzjoni, transfer, dhul fl-impieg, jew licenzja. Lanqas fil-fehma tat-Tribunal ma tista' titqies permess. Ghalhekk dak allegat mir-rikorrenti jista' jwassal ghal ingustizzja izda it-Tribunal mhux kompetenti *ratione*

*materiae.* Ghal dawn il-motivi jilqa' din l-eccezzjoni tal-Awtorita' intimata.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.